MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 13/2008

**Paul Aquilina**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Lulju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Frar 2008 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mija u erba' euro u hamsa u ghoxrin euro centezmi (€404.25) rapprezentanti prezz ta' magna tal-hasil

awtomatika liema magna kellha hsarat matul il-perijodu tal-garanzija.

L-intimat baghat risposta ghal din it-talba izda ma attendiex ghas-seduti minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti ssottometta illi f'Marzu 2006 xtara magna tal-hasil 'fully automatic' minghand id-ditta intimata ghall-prezz ta' erba' mija u erba' ewros u hamsa u ghoxrin ewro centezmi (€404.25) izda certi tessuti bdew jigu raffi wara li jkunu gew mahsula fiha kuntlarjament ghal dak li kien jigri meta l-istess tessuti kienu jigu mahsula f'magna tal-hasil ohra ta' ditta differenti.

L-intimat issottometta bil-miktub illi la meta marru ghand ir-rikorrenti u lanqas meta hadu l-magna tal-hasil fil-'workshops' taghhom, ma sabu xejn hazin.

It-Tribunal jinnota illi:-

Ir-rikorrenti xtara magna tal-hasil 'fully automatic' minghand id-ditta intimata izda certi tessuti bhal xugamani u 'face cloths' kienu jigu raffi meta dawn jinhaslu f'din il-magna izda meta r-rikorrenti hasilhom f'magna tal-hasil ohra, minkejja illi uza l-istess detergenti, ir-rizultat fil-morbidita tat-tessuti kien differenti.

It-Tribunal innota wkoll waqt il-process tal-kawza illi minkejja illi l-magna tal-hasil hija wahda 'fully automatic', din kienet qieghda tieqaf f'diversi stadji waqt li tkun inghatat programm ta' hasil u li r-

rikorrenti kien idawwar in-'knob' huwa stess biex din tkun tista' tkompli tahdem.

It-Tribunal finalment jinnota illi l-intimat ma ta ebda spjegazzjoni o meno ta' dak li seta' gara jew li kien qieghed jigri u li b'rizultat ta' dan xi tessuti kienu qeghdin jitilfu l-morbidezza taghhom waqt li jkunu qed jigu mahsula.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal, kif ikkonsidra hawn fuq u wara li nnota illi l-programm tal-hasil ma kienx qieghed jiffunzjona kif suppost peress illi kien qieghed jieqaf f'diversi stadji waqt il-hasla u li ghalhekk il-hasla ma kienetx qieghda ssir kif programmata, jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mitt euro (€300) bl-ispejjez kontra l-istess intimat b'dan illi l-magna tal-hasil issir propjeta' ta' l-intimat wara li jkun sar il-hlas."

L-appell tas-socjeta` konvenuta fil-konfront ta' din is-sentenza hu redatt fit-termini tas-segwenti aggravji:-

(1) Trattasi ta' azzjoni redibitorja t-terminu ghall-proponiment taghha kien f'dan il-kaz perenti, ex-Artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili;

(2) It-Tribunal mar kontra d-dettami ta' gustizzja naturali meta, fl-assenza ta' spjegazzjoni mill-appellat ta' dak li gara, inverta l-prova u ppretenda minghandha l-prova kuntrarja;

(3) La l-appellat baqa' jaghmel uzu mill-apparat u ma ddepozitahx it-Tribunal ma seta' qatt jirrexxindi l-bejgh. Lanqas ma seta' jirreduci l-prezz ghax it-tnaqqis li ghamel hu inerenti ghall-azzjoni estimatorja u mhux ukoll dik rexxissorja. F'dan il-kuntest, l-istess socjeta` appellanti rreferiet ghall-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 biex tirraguna illi l-appellat, *qua* konsumatur, naqas li javzaha

bil-mitkub b'kull nuqqas ta' konformita zmien xahrejn mid-data li fih hu ntebah b'dak in-nuqqas. Hi tissottometti dan in bazi ghall-osservazzjoni illi l-appellat induna bl-allegat difett f'Marzu 2006 mentri kitbilha fit-8 ta' Ottubru, 2007. B'hekk gie li l-appellat tilef il-beneficcju li seta' jgawdi taht it-Taqsima IX tal-Kapitolu 378;

(4) Mhux minnu li hi ma kienetx prezenti fil-procediment quddiem it-Tribunal in kwantu hi kienet hekk rapprezentata minn Michael Scerri;

Premessi dawn l-aggravji, ma jistax jonqos li jkun in linea preliminari osservat mill-Qorti illi whud mill-ilmenti sottomessi lilha ma gewx mis-socjeta` konvenuta appellanti ventilati minnha quddiem it-Tribunal. Dan, b'mod partikulari, in referenza ghall-ewwel u ghat-tielet aggravji;

Intant, bl-azzjoni minnu promossa l-appellat talab li jirrisolvi l-bejgh ta' *washing machine* tal-marka "Taurus" mixtrija minghand is-socjeta` appellanti. Kontra din l-azzjoni din is-socjeta` qeghda issa tqajjem f'dan l-istadju d-dekadenza ta' l-azzjoni in raguni ta' dik il-kazistika konkordi li rriteniet li z-zmien kontemplat fl-Artikllu 1431 (1), Kodici Civili huwa wiehed dekadenzjali. Ara, fost bosta ohrajn, id-decizjoni fl-ismijiet "**Neg. Charles Darmanin *nomine* -vs- Giuseppe Baldacchino**", Appell Kummercjali, 23 ta' Mejju, 1938;

Fil-kuntest ta' eccezzjoni ta' din ix-xorta l-kunsiderazzjonijiet generali li solitament jsiru huma dawn:-

(1) Il-kliem tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1431 ghandhom jinftehmu fis-sens illi d-*dies scientae* ma hux dak li fih tigi notata jew riskontrata irregolarita` fil-funzjonament imma huwa dak li fih jigi accertat id-difett. Jinghad li "dan hu partikolarment il-kaz fil-bejgh ta' kongenji jew apparati ta' struttura delikata u teknikament komplikata, bhal ma huma *washing machines,*

*refrigerators, etcetera*, li llum il-gurnata saru ta' uzu domestiku komuni" ("**Maria Rosa Muscat Baldacchino -vs- Edward Vincenti Kind *nomine***", Appell Kummercjali, 18 ta' Ottubru, 1963;

(2) Gie pero` enuncjat ukoll illi "b'danakollu hemm zgur pont ta' zmien li fih l-izvilupp progressiv tal-vizzju jista' jinghad li jkun lahaq effett kumulattiv li ghandu ragonevolment jgharraf lix-xerrej bl-ezistenza tieghu, u minn dak il-punt jibda jitqies iz-zmien ta' l-azzjoni jew inazzjoni ta' l-istess xerrej ghall-finijiet ta' l-Artikolu 1481 (illum 1431) tal-Kodici Civili". ("**Emmanuele Florian -vs- Rosario Desira**", Appell Kummercjali, 9 ta' Gunju, 1969);

Affermat dan, fir-risposta ta' l-appell tieghu l-appellat jirribatti illi t-terminu ta' sitt xhur li jsemmi l-Artikolu 1431 (1), Kodici Civili, ma kienx ghadu skada meta intavola l-azzjoni ghaliex, in forza tal-garanzija rilaxxjata lilu fil-mument tal-kompravendita (kopja esebita mar-risposta) huwa kien akkordat terminu ta' sentejn "*on parts*" u "*on labour changes*". Fi kliem iehor, l-appellat qed jghid illi fil-kaz tieghu ma kienx hemm biss il-garanzija *ex jure* preskritta mil-ligi riferibilment ghall-vizzju redibitorju izda kien hemm ukoll il-garanzija konvenzjonali espressa mis-socjeta` appellanti li bieghtlu l-makna tal-hasil. Fir-rigward tezisti gurisprudenza li ssostni illi, "ukoll bis-sahha ta' din il-garanzija konvenzjonali, l-attur kellu d-dritt jirrizolvi x-xiri ghaliex id-difett kien bizzejjed biex jimpedixxi l-funzjonament ta' l-apparat u ghalhekk jirrendih mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih l-attur xtrah" ("**Perit Cavaliere Emmanuele Borg -vs- Carmelo Petroni *nomine***", Appell Kummercjali, 29 ta' Jannar, 1954). Zied jigi ritenut illi l-garanzija konvenzjonali hija addizzjonali ghall-garanzija legali u mhux lanqas inkonciljabbli ma' din ta' l-ahhar "ghax anzi, taht certi rigwardi, ikabbar u jestendi l-effetti tal-garanzija legali" ("**Joseph Cefai -vs- Carmelo Petroni *et nomine***", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju, 1957. Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Dorianne Bartolo Vella -vs- Industrial Motors Limited**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 26 ta' Jannar, 2005. Din, wara kollox, hija wkoll l-espressjoni ta' fehma tal-legislatur

dettata fl-Artikolu 82 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur;

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, tezisti certament ir-riflessjoni fundamentali dwar kemm setghet l-eccezzjoni tal-perentorjeta` ta' azzjoni titqajjem in sede ta' appell. B'eccezzjoni bhal din, kieku nghatat fiz-zmien li kellha tinghata, u *in limine litis,* din kien ikollha l-effett li tistronka l-gudizzju in kwantu l-istess eccezzjoni hi perentorja tieghu. Jigi li ghall-finijiet ta' l-istadju li fih kellha tigi sollevata din l-eccezzjoni dan kellu jkun dak bikri tal-*contestatio litis* quddiem it-Tribunal meta allura l-kontestazzjoni tkun giet radikata u formulata. Kif gja sa ricentement osservat din il-Qorti, kif presjeduta, fuq l-istess tema, "la dan ma sarx f'dak il-kaz dik l-eccezzjoni ghandha titqies rinunzjata (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 630**) in kwantu din tippresupponi dik il-kondotta processwali li tevidenzja l-ezistenza ta' dik il-volonta univoka li l-appellanti ma riedx iqajjem dik l-eccezzjoni" ("**Geswalda Saliba -vs- Mario Galea**", Appell mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur (Ghawdex), 9 ta' Lulju, 2008). Prettament, ghal din ir-raguni l-ewwel aggravju qed jitqies insostenibbli;

Spjanat dan l-aggravju, li kien, tista' tghid, l-aktar wiehed ta' importanza, din il-Qorti qajla tista' tirravviza mill-kumplament ta' l-aggravji lezjoni tar-regoli tal-gustizzja naturali ghal liema hu konsentit dritt ta' appell lil din il-Qorti minn sentenzi tat-Tribunal tal-Konsumatur. Biex appell ikun ammissibbli fuq dik il-bazi s-socjeta` appellanti kien jenhtiegilha turi ghall-konvinciment ta' din il-Qorti illi hi ma nghatax il-possibilita` li tesponi l-assunti taghha jew li tipproduci l-provi. Mhux ukoll, izda, li din il-Qorti tirrientra fil-valutazzjoni diskrezzjonali tat-Tribunal in kwantu dan kien liberu li jartikola l-gudizzju tieghu fuq il-provi prodotti. U f'dan il-kaz l-unika prova mressqa kienet dik ta' l-appellat, gjaladarba s-socjeta` appellanti, ghar-ragunijiet taghha, iddedediet, avolja intavolat risposta, li ma tippartecipax fl-izvolgiment djalettikali tal-kawza. Lanqas imbaghad ma jista' jkollu mis-sewwa l-lanjanza illi hi

baghtet rapprezentant taghha fl-udjenzi quddiem it-Tribunal.  Apparti li ma jirrizulta minn ebda verbal li hekk sar, huwa wkoll ferm difficli ghal din il-Qorti li taccetta din l-asserzjoni jew li temminha.  Dan in vista ta’ dak dedott mill-istess socjeta` appellanti fir-risposta taghha ghat-talba ta’ l-appellat illi “ahna m’ghandniex hin x’nitilfu”.  In raguni tal-konsiderazzjoni maghmula mhux lanqas il-kaz li din il-Qorti tokkupa ruhha mid-doljanzi l-ohra tas-socjeta` appellanti in meritu ghall-aspetti legalistici dwar it-trattament mit-Tribunal tal-provi u ghaliex dan deherlu li oltre r-rexxissjoni tal-bejgh jaghmel ukoll riduzzjoni tal-prezz.  Konkluzjoni din li dwarha l-Qorti tillimita ruhha biex tosserva illi, la saret, sinjal li t-Tribunal adopera l-istrument ekwitativ u dak tal-gustizzja sostantiva ghal liema jirreferu l-Artikolu 21 (1) tal-Kapitolu 378.  F’kull kaz ukoll l-istess konkluzjoni kienet certament wahda li ppremjat lis-socjeta` appellanti u mhux ippregudikata.

Ghal motivi kollha dedotti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra s-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------